TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Christopher Azzopardi

vs

Jonathan Attard - High Revs Motorcycles

CCT G4/24/MS

21 ta' Marzu, 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-1 ta' Marzu 2024 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna l-intimat ihallsu l-ammont ta' €5,650.00 rapprezentanti hlas effettwat versu l-mutur Supersoco CPX akkwistat minghand l-istess intimat; alternattivament jordna lill-intimat jirrimpjazza l-mutur b'wiehed gdid;

Ra r-risposta tal-intimat ipprezentata fid-19 ta' Gunju 2024 fejn qal illi hu offra lir-rikorrent ripetutament sabiex iwettaq ix-xoghol necessarju biex jigi eliminat l-error, u ghadu lest li jaghmel dan ix-xoghol; minghajr pregudizzju ir-rikorrent baqa' u ghadu juza l-motorcycle sallum u ma ddepozitahx il-Qorti u ghalhekk mhux moghti lilu d-dritt li jitlob ir-rexizzjoni tal-bejgh; l-ammont mitlub jezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent Christopher Azzopardi bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tal-24 ta' Jannar 2025 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha ta-intimat ghal 21 ta' Frar 2025.

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2025, l-intimat rega' ma deherx u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal sollevata mill-intimat, wara li ra l-artikolu 20(1) tal-Kap 378, qed jichad l-istess.

Illi ghalhekk it-Tribunal ha jibda jikkunsidra l-mertu.

Illi rrizulta mill-provi illi f'Settembru 2023 ir-rikorrent xtara electric scooter minghand l-azjenda intimata ghall-prezz ta' sitt elef euro li kien jinkludi l-licenzja, assikurazzjoni u l-helmet. Dan l-

iscooter kien gdid izda wara biss tlett gimghat beda bil-problemi. L-ewwel będą jaghti sinjal *'alarm 102'* - li hija problema teknika. Ir-rikorrent avvicina lill-intimat li qallu jiehu l-mutur ghandu biex jara x'kienet il-problema. Meta r-rikorrent ghamel hekk, l-intimat infurmah li kien ha jiehdu ghand l-agent Rahal Gdid. Fil-fatt, ir-rikorrent stess tela' bih ghand l-agent u hallieh hemmhekk . X'hin mar ghalih u ppruvah, mhux talli ma ssewwiex, talli zdiedet problema ohra. Rega' hadu ghand l-intimat li qallu li kien ser jitkellem mal-agent u mal-kumpanija ta' barra, u wara ftit zmien l-intimat qallu li jrid jinbidel parti tal-mutur, pero' rega' ma ssewwa xejn.

B'kollox ir-rikorrent jghid li hadu ghat-tiswija xi hames darbiet u saru l-istess ammont ta' intervenzjonijiet. Ir-rikorrent xehed illi b'kollox il-mutur ghandu hames faults fosthom 'alarm 83, alarm 102, burglar alarm, false triggering u GPS system taqta'. Fil-fatt l-iscooter jaghti l-alarm anke meta jkun gol garaxx. Qal ukoll illi l-mutur mhuwiex safe u jibda jisslowja tant li trid toqghod b'seba' ghajnejn ghax jista' jarmik minn fuqu. Ir-rikorrent qal illi ftit li xejn qed juza l-mutur.

Ikkunsidra

Illi l-artikolu 73 tal-Kap 378 jistipola illi oggett ghandu jigi kkunsinnat konformi mal-kuntratt tal-bejgh, b'mod li jkollu, fost affarjiet ohra, l-funzjonalita' rikjesta. Imbaghad l-artikolu 74 jistipola lli f'kaz ta' nuqqas ta' konformita' l-konsumatur ghandu jkun intitolat illi l-oggett jingieb f'konformita' permezz ta' tiswija, sostituzzjoni, tnaqqis fil-prezz jew terminazzjoni tal-kuntratt. It-tiswijiet

Illi t-tiswijiet ghandhom jitwettqu fi zmien ragjonevoli mill-mument li l-bejjiegh ikun gie infurmat mill-konsumatur dwar in-nuqqas ta' konformita, u minghajr inkonvenjent sinifikanti ghall-konsumatur, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oggetti u l-iskop li ghalih il-konsumatur kellu bzonn l-oggetti.

Illi l-konsumatur ma għandux ikollu d-dritt jittermina l-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità jkun biss wieħed minuri. Il-bejjiegħ għandu jkollu l-oneru tal-prova fir-rigward ta' jekk in-nuqqas ta' konformità jkunx wieħed minuri.

Ikkunsidra

Illi fil-kaz in ezami, jidher car illi nonostante d-diversi opportunitjaiet illi l-intimat inghata biex issewwi l-mutur, dawn it-tentattivi kienu minghajr success, u l-problemi ppersistew.

Illi l-oneru tal-prova fir-rigward ta' jekk nuqqas ta' konformita' huwiex minuri jew le kien jinkombi fuq l-intimat.

Illi ghalkemm l-intimat ghamel risposta, ma xehedx quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejjah. Apparti l-fatt illi r-risposta tal-intimat qatt ma giet konfermata bil-gurament, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed jghid ir-rikorrent. Mix-xhieda tar-rikorrent, it-Tribunal huwa sodisfatt illi dawn il-problemi mhumiex minuri u tenut kont tal-fatt illi l-mutur kien gdid u kien ghadu taht garanzija, l-agent missu biddel il-mutur mal-ewwel. Il-fatt illi r-rikorrent ma halliex il-mutur fil-pussess tal-intimat u kien dispost illi jaghti l-intimat l-opportunita'

illi jsewwi l-mutur ma jistax issa jintuza bhala arma kontrih. Ir-rikorrent halla l-mutur warajh mill-inqas tmien darbiet, anki fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Fic-cirkostanzi, anke in vista tal-fatt illi l-intimat ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu, it-Tribunal jidhirlu illi ikun ahjar illi l-intimat jiehu flusu lura.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna l-intimat/azjenda intimata ihallsu l-ammont ta' hamest elef, sitt mija u hamsin euro (€5,650.00). Bi dritt tal-intimat/azjenda intimata illi jiehdu lura l-iscooter wara li jsir id-debitu hlas. Bl-ispejjes.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru